**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 39 – L-ERBGĦA 17 TA' NOVEMBRU 2021**

**Is-seduta ta' nhar l-Erbgħa 17 ta' Novembru kellha tiġi posposta għal data oħra minħabba li s-Sindku Dott. Sciberras kien indispost minħabba raġunijiet ta' saħħa.**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 40 – L-ERBGĦA 24 TA' NOVEMBRU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri awguraw fejqan ta' malajr lis-Sindku Dott. Sciberras u lill-familjari tiegħu.

Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Kunsillieri tal-ħsieb ġentili tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**40.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

40.1.1 Ma kienx hemm.

**40.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

40.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (38) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Bernice Farrugia issekondat.

40.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

**40.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL**

40.3.1 Ma kienx hemm.

**40.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

40.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienu saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fi Triq Erin Serracino Inglott fejn sar *extensive patching* u xogħlijiet oħra anċillari.

40.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien tlesta x-xogħol tal-indafa minn akkumulu ta' skart li kienu ilu jinġema s-snin f'għalqa proprjetà tal-Gvern fi Triq Dott. Pawlu Grech. Is-Sindku irrimarka li din kienet l-ewwel darba li tnaddfet l-għalqa u nispera li l-Kunsill wassal messaġġ ċar lil min kien jabbuża biex dan l-att irresponsabbli ma jerġax jirrepeti ruħu.

40.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata wkoll dwar The President's Solidarity Fun Run fejn kien infurmat li din l-attività ittellgħet b'suċċess u rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Kunsillieri tal-

impenn sħiħ tagħhom.  In-numru tal-parteċipanti kien (108) u jidher li sar ħafna xogħol minn kulħadd biex il-lokalità tal-Iklin tkun parteċipi f'din l-edizzjoni 'The Presidnet's Solidarity Fun Run'.  Sintendi ma setax ikun preżenti għal din l-attività minħabba li kien qiegħed fil-perjodu ta' konvalexxenza imma xorta waħda segwa l-andament ta' din l-edizzjoni.

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Bernice Farrugia irrimarkat li kellha kummenti pożittivi mill-parteċipanti u ressqet vot ta' ringrazzjament lis-Segretarju Eżekuttiv tal-koordinazzjoni waqt il-Fun Run.  Ikkonkludiet li anke l-għażla tar-rotta kienet waħda ideali u l-parteċipanti ħadu gost b'din l-organizazzjoni.

Is-Sindku ikkonkluda li kien hemm issues li kenux fil-kontroll tal-Kunsill Lokali imma telgħet fuq livell tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali minħabba l-loġistika u n-nuqqas ta' *personnel/stewards* fit-toroq biex ikun ko-ordinat l-immaniġġjar tat-traffiku.  Però dan il-messaġġ kien diġa wasal lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jindirizzaw in-nuqqasijiet li kien hemm mal-Uffiċċju tal-President għas-snin futuri.

40.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka dwar l-*issues* pendenti dwar il-proġett fi Triq il-Wied.  Semma li l-kwistjoni tal-ħsejjes iġġenerati mill-ispralli tal-ilma tax-xita u t-tappieri tad-drenaġġ għadhom ma ġewx solvuti.  Informa li l-Aġenzija IM ħarġet penalties lill-Kuntrattur għal dawn in-nuqqasijiet biex jirrimedja iżda d-diffikultajiet għadhom hemm.  Informa li kien għamel kuntatt mall-Perit Vassallo mill-Aġenzija Infrastructure Malta iżda baqa' mingħajr l-ebda feedback.  Is-Sindku żied jgħid li wasal iż-żmien li ssir laqgħa fl-immedjat bejn l-istakeholders kollha konċernati biex din *snag list* tkun riżolta minnufih.  Ir-residenti li jirrisiedu fi Triq il-Wied jixirqilhom li jkunu komdi u trankwilli fi djarhom u l-Kunsill irid jassigura li r-residenti milquta jkollhom kwalità ta' ħajja li jixirqilhom.

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Godwin Catania offra li jattendi għal laqgħa mal-Aġenzija Infrastructure Malta fil-mument opportun.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li jekk ma jkunx hemm l-ebda żviluppi, il-Kunsill ikollu jirrikorri għall-assistenza legali.

40.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata wkoll dwar il-każ li hemm fi Sqaq Ġiarda fejn ġimgħat ilu kien ikkrolla ħitan tas-sejjiegħ kawża ta' numru ta' fatturi.  Però skont l-informazzjoni li kiseb il-Kunsill, il-ħitan ikkollassa meta għamlet l-aħħar maltempata.  Semma wkoll li l-Kunsill kien infurmat mill-persuna li jaħdem l-għalqa fejn l-imsemmi ħitan kien ilu jintlaqat minn inġenji li

kienu qed jidħlu fl-imsemmi sqaq għal xogħol fuq sit ta' kostruzzjoni u dan wassal għal dan il-kollass. Preżentement hemm kawża l-Qorti fejn il-Pulizija ħarket lil sid l-għalqa biex jirrimedja u jtella l-ħitan tas-sejjiegħ.

Fil-frattemp, is-Sindku informa li daħal ilment minn terzi biex il-Kunsill itella l-ħitan tas-sejjiegħ u anke wasal fl-uffiċċju rapport imħejji minn Perit biex il-Kunsill jirrimedja. Il-Kunsill wassal messaġġ ċar li l-proprjetà hija waħda privata u għaldaqstant il-Kunsill ma jarax li għandu jtella dan il-ħitan. L-istess *complainant* baqa' jinsisti mall-Kunsill biex il-Kunsill jirrimedja sa ma daħal ilment ieħor mill-istess *complainant* li parti mill-isqaq fejn ikkollassa l-ħitan qed iċċedi u qed jitfa r-responsabbiltà fuq il-Kunsill. Il-*complainant* biddel il-verżjoni u qed jargumenta li l-ħitan tas-sejjiegħ ikkollassa proprju minħabba d-dgħufija u l-kundizzjoni xejn tajba f'din il-parti tal-isqaq. Fuq dan il-punt, il-Kunsill irċieva rapport ieħor minn Perit assenjat mall-Gvern fejn prattikament qed jiddeskrivi l-fatturi li wassal għal dawn il-ħsarat.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fil-komunikazzjoni hemm ukoll involuta l-Aġenzija Infrastructure Malta fejn CEO tal-Aġenzija wieġeb li dan l-isqaq mhuwiex fir-*remit* tal-Aġenzija.

Is-Sindku ikkonkluda li f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kunsill għandu jieħu l-pariri neċessarji u jkollu jirrikorri għall-assistenza legali u anke għal servizz ta' perizja biex iħejji *condition report* dwar l-imsemmi sqaq biex il-Kunsill jevalwa din is-sitwazzjoni.

Is-Sindku Dott. Sciberras se jżomm lill-Kunsill aġġornat b'aktar żviluppi 'l quddiem.

40.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li t-talba tal-Kunsill lill-iStreet Naming Committee ftit tax-xhur ilu ġiet ikkunsidrata u milqugħa mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq.

Is-Sindku fakkar li Triq l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca (li waqqaf il-Parroċċa tal-Iklin) se tkun il-parti minn Pjazza Ninu Cremona li tibda minn k/m Triq Anton Buttigieg u li twassal sa Triq Mons. Pietru Pawl Saydon.

It-tieni triq se tkun imsemmija Triq Mons. Carmelo Aquilina (L-Ewwel Kappillan tal-Iklin) li hija l-parti minn Pjazza Ninu Cremona li tibda minn k/m Triq Anton Manoel Caruana u li twassal sa Triq Patri Anastasju Cuschieri.

It-tielet triq hija prolungament ta' Triq Ġużè Pesci sa k/m Trejqet ir-Rumanzieri.

B'dan it-tibdil, l-imsemmija toroq li kienu kollha jissejħu bl-istess isem ta' Pjazza Ninu Cremona issa b'dan it-tibdil ikkonfermat ser ikunu toroq distinti li ser iġorru sinifikat importanti ta' personalitajiet importanti għall-lokalità tal-Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien deher l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern maħruġa mis-sezzjoni tal-immaniġġjar tal-indirizzi fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali biex il-pubbliku ikun jaf b'dan it-tibdil.

Is-Sindku jixtieq li tiġi organizzata ċerimonja żgħira imma sinjifikanti biex nonoraw lil dawn il-personalitajiet li ħallew marka fuq il-lokalità tal-Iklin sintendi wara l-Festi natalizji u dan skont il-protokolli fis-seħħ tal-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Fl-aħħarnett, il-Kunsill se jkun qed jawtorizza x-xiri tal-ismijiet ta-toroq magħmula minn materjal li huwa ċeramika bħal kumplament tal-maġġor parti tal-ismijiet tat-toroq fil-lokal.

## 40.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

40.5.1 Ma kienx hemm.

## 40.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

40.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn id-19 ta' Ottubru u l-24 ta' Novembru 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

40.6.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1890/21. Approvazzjoni ta' applikazzjoni għal Reserved parking space personalizzat għal sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta l-informazzjoni u spjega l-proċedura.

40.6.3 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa dwar korrispondenza nru. 1899/21. Din il-korrispondenza kienet titratta dwar l-ispralli tal-ilma tax-xita fi Triq il-Wied.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet għaddejja skambju ta' korrispondenza dwar l-isnag list ta' Triq il-Wied partikolarment dwar il-ħsejjes iġġenerati mill-ispralli tal-ilma tax-xita.

40.6.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1901/21. Talba biex il-Kunsill jgħaddi l-informazzjoni dwar il-*cat feeders* li huma rreġistrati mall-Kunsill dwar l-iskema LC Care Project. Staqsiet jekk kenitx se terġa toħroġ l-iskema biex nissuplixxu l-ikel għall-qtates abbandunati.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-iskema ma reġgħetx ħarġet u dan jista jitfa piż finanzjarju ieħor fuq il-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista jikkunsidra l-ispiża fuq perjodu ta' sena biex naraw tkunx tista tiġi nkluża fl-estimi finanzjarji tas-sena 2022.

40.6.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1923/21. Komunikazzjoni mingħand fornitur lokali dwar il-proġett WIFI4EU.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-bidu ta' din il-leġiżlatura l-Kunsill kien applika għal dan il-proġett mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kien eliġibbli għal dan il-proġett. Fir-rigward tal-Kunsill Lokali L-Iklin, ġew identifikati żewġ siti wieħed fi Pjazza Ninu Cremona u ieħor fiż-żona kummerċjali. Informa li kien iltaqa' mall-fornitur biex tiġi diskussa l-loġistika. F'dan l-istadju, il-kuntrattur qed jitlob lill-Kunsill supply tad-dawl u fir-rigward ta' Pjazza Ninu Cremona hemm żewġ opzjonijiet: jew *supply* ta' dawl mill-*playing field* jew *supply* ta' dawl mingħand il-Parroċċa. Kompla billi qal li kien diġa tkellem mall-W. Rev. Kappillan tal-Parroċċa biex jikkunsidra din l-opportunità però xejn konklussiv. Rigward is-sit l-ieħor, qed ikun esplorat li jitkellmu ma' sid ta' negozju fiż-żona kummerċjali għall-provvista tad-dawl. Fiż-żewġ każijiet, min jipprovdi l-aċċess ikun qed jibbenifika minn WIFI fuq perjodu ta' ħames snin. Aktar dettalji jingħataw 'il quddiem.

40.6.6 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsa dwar korrispondenza nru. 1924/21. Suġġett għal titjib fejn hemm pedestrian crossing eżistenti fi Triq Ġeronimo Abos.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet ser issir spezzjoni minn rappreżentant mill-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

40.6.7 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1952/2021. Talba għall-kumpens dwar inċident fi Triq il-Klin. Il-Kunsill talab għall-assistenza legali peress li l-Kunsill kien irċieva bl-Avukat. Min-naħa tal-Kunsill, tlabna sabiex jipprovdi evidenza fotografika dwar il-post preċiż fejn qed ikun allegat li waqa' f'ħofra u fit-tieni lok il-Kunsill qed jitlob sabiex jispjega jikkwantifika il-pretensjoni tiegħu.

40.6.8 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1976/2021. Kwotazzjoni għal trattament ta' bankina fi Triq Ġużè Pesci wara l-knisja peress li hija *slippery* u perikoluża għall-pubbliku nġenerali.

40.6.9 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1946/2021. Laqgħa ma' l-iskema awtorizzata Green MT biex ġie ffinalizzat il-ftehim u ffirmat mill-partijiet konċernati. Il-ftehim kien emendat wara li kien maqbul li tibqa ssir it-tieni ġabra tal-ħġieġ kull tielet ġimgħa tax-xhar. Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata wkoll id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni tas-sit għal *recycling point* fi Triq San Mikiel bħala l-aktar post ċentrali fil-lokalità li tista tintlaħaq minn kulħadd. L-iskema ser tkun qed talloka l-Bring-in-Site u l-Kunsill għandu l-obbligu li japplika għall-provvista tad-dawl u spejjeż oħra rikorrenti.

40.6.10 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1983/2021. Rifjut tal-permess PA 04286/21.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Awtorità tal-Ippjanar iddeċidiet li s-Sala tal-Kunsill ma tħossx li għandha tintuża bħala multi-purpose. Intalab il-parir tal-Avukat għaliex id-deċiżjoni ma ttieħditx kif suppost. Bl-assistenza tal-Avukat, il-Kunsill se jkun qed jagħmel il-kontestazzjoni quddiem il-Bord tal-Appell.

40.6.11 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2007/2021. Distribution of gift packs.

Is-Sindku wieġeb li skont il-ftehim li għadu kif ġie iffirmat, l-iskema ser tagħti kumpens lir-residenti li jirriċiklaw bil-galbu.

Dan se jsir permezz ta' viżiti spontanji fil-ġranet tal-ġbir tal-borża tal-iskart riċiklabbli.

40.6.12 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2046/2021. Laqgħa ta' konsultazzjoni dwar l-istallazzjoni ta' *charging pillars*.

Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jattendi għal din is-sessjoni informattiva u jkun jista jirrelata lura lill-Kunsill bl-eżitu ta' din is-sessjoni.

40.6.13 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2099/2021.

Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka li matul dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm skambju ta' korrispondenza dwar diversi nuqqasijiet fil-proġett ta' Triq il-Wied fosthom dwar id-difett fit-tappieri, infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (drenaġġ).

40.6.14 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1956/2021. Talba għall-assenjar ta' ħaddiema mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien kiteb lil Community Workers Scheme Enterprise Foundation u lil RSS Ltd dwar il-possibiltà li jiġu assenjat/i ħaddiem/a mall-Kunsill Lokali L-Iklin peress li l-ħaddiem assenjat se jkun qed jirtira f'Ġunju 2022.

**COMPLAINTS SHEET (19 t'Ottubru - 19 ta' Novembru 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 237 | 19/10/2021 | Road Patching: Plejju, Harruba, G Abos, GE Mercer, Gharghur u G M Azzopardi | settled | various streets | **COUNCIL** |
| 238 | 19/10/2021 | Bankina niżlet wara li crane ħareġ outriggers biex itella xibka filgħodu kmieni 108, Triq G Abos | talked to Resident | Triq G Abos | **Ms Darmanin** |
| 239 | 26/10/2021 | Bozza central hanging 52, Triq E S Inglott | e-mail | Triq E S Inglott | **MICAMED** |
| 240 | 21/10/2021 | Boroz suwed ma nġabrux ta' 12, Triq Citru | settled | Triq Citru | **R & A** |
| 241 | 25/10/2021 | Ilment li water culvert il-fuq minn 97, Triq il-Wied imtela bix-xita u baqa jfur | Email sent to perit | Triq il-Wied | **Infrustructure** |
| 242 | 25/10/2021 | Boroż suwed u organic ma nġabrux ta' 56, Triq il-Mużika | settled | Triq il-Muzika | **R & A** |
| 243 | 25/10/2021 | Phoned WSC Drainage blockage Triq Ġ Abos c/w Triq il-Klin | WSC bowser was on site on 26Oct @ 9.30am | Triq G Abos c/w Triq il-Klin | **customercare WSC** |
| 244 | 27/10/2021 | Ilment fuq ġurdien mejjet quddiem Baker street. | Settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 245 | 29/10/2021 | Tappiera fi Triq Ġ Abos C/W Ċ. Bugeja qed tfur bid drenġġ u jidħoll fil-basement ta residenza 91. | Pending | Triq G.Abos | **Waterservices** |
| 246 | 03/11/2021 | Triq in-Naxxar C/W Triq Ġ Abos talba għal tabella biex vettura jitilgħu lejn Ġ Abos | Pending | Triq in-Naxxar c/w Triq G.Abos | **COUNCIL** |
| 247 | 03/11/2021 | Triq il-Ħwawar talba ghal sleeping policeman | Pending | Triq il-Hwawar | **COUNCIL** |
| 248 | 04/11/2021 | Bozza fuq arblu fis-Sqaq Garda tixghel u titfi. | Sent email | Sqaq Garda | **Enemalta** |
| 249 | 06/11/2021 | Garbage bag ma nġabritx 12, Triq Ċitru | phoned | Triq Citru | **R&A** |
| 250 | 08/11/2021 | Triq Għargħur l-isfel mir-Razzett L-Abjad hemm xi ħofor | Settled | Triq Gharghur | **COUNCIL** |
| 251 | 09/11/2021 | Hemm is-siġar tas-centre strip tal-bypass iffullaw ħafna. | Pending | Triq Dun Karm | **ELC** |
| 252 | 10/11/2021 | Talba biex titranġa il-bankina kollha fi Triq G Curmi u hemm toqba ta tabella c/w L F Mizzi biex timtela | Pending | Triq G Curmi | **COUNCIL** |
| 253 | 10/11/2021 | Hemm palma ta' stabbiliment tan-negozju fi Triq Naxxar qegħda ta periklu | Pending | Triq Naxxar | **COUNCIL** |
| 254 | 10/11/2021 | Hemm ħafna trab u żrar li nġabar bix-xita Triq S Erardi c/w Triq G Curmi | Pending | Triq G Curmi | **Innovative** |
| 255 | 12/11/2021 | Bankina kissirha xi trakk fi Triq G E Mercer | Settled | Triq G E Mercer | **COUNCIL** |
| 256 | 12/11/2021 | Bozoz mitfijin fi Triq il-Wied u Triq il-Prinjol | Email sent | Upper Iklin | **Enemalta** |
| 257 | 13/11/2021 | Bozza mal-hajt mitfija 4, Triq Censu Bugeja | settled | Triq C Bugeja | **MICAMED** |
| 258 | 15/11/2021 | Bozza mitfija quddiem il-100, Triq il-Wied | Email sent | Triq il-Wied | **Enemalta** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 259 | 16/11/2021 | Triq Ġ Bonnici bankina miksura | settled | Triq G bonnici | **COUNCIL** |
| 260 | 16/11/2021 | Trejqet il-Poeti blokka flats fejn ir-residenza Ambra, katusa fuq il-bankina toħroġ ħafna ilma. | Pending | Trejqet il-Poeti | **COUNCIL** |
| 261 | 16/11/2021 | Ilment dwar knaten fi Triq il-Wied. Dawn qegħdin ta' periklu. | settled | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 262 | 17/11/2021 | Talba biex titnaddaf l-area tal-bankijiet kif ukoll lapida taħt is-siġar fi Triq Anton Buttigieg għaliex hemm ħafna ħaxix niexef kif ukoll ħmieġ tal-għasafar. | settled | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 263 | 17/11/2021 | Ħsejjes ta' tappieri kull darba li tgħaddi vettura minn fuqhom. | Pending | 92,Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 264 | 17/11/2021 | Inkonvenjent mill-ħsejjes ta' tappieri. | Pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 265 | 17/11/2021 | Sprall miksur fuq bankina fi Triq Ġeronimo Abos. | pending | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 266 | 18/11/2021 | Ħabta fi Triq Razzett l-Aħmar waqqgħu il-ħajt. | Pending | Triq Razzet l-Ahmar | **COUNCIL** |
| 267 | 19/11/2021 | Qed ikun hemm crane u trakk ipparkjati matul il-lejl fi Triq il-Prinjol. | Email sent to Comm. Of Police | Triq il-Prinjol | **POLICE** |

6.05p.m. Il-Kunsillier Emanuel Zammit daħal għas-seduta b'mod virtwali permezz ta' Microsoft Teams.

## 40.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

40.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

40.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

40.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

40.7.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' trattament anti-slip solutions fuq bankina eżistenti fi Triq Ġużè Pesci 80 metru kwadru mingħand il-fornitur AS Solutions Ltd għall-prezz ta' Eur3,643.84c VAT inkluż. *Nem con*.

2. Kwotazzjoni għal xogħol ta' pedestal żgħir magħmul mill-ġebla tal-franka biex titqiegħed plakka fi Triq Anton Buttigieg li tfakkar l-ewwel leħiżlatura tal-Kunsill Lokali L-Iklin lura għas-sena 1994 mingħand il-fornitur Ta' Ċomba Stoneworks għall-prezz ta' Eur160 VAT inkluż. Nem con.

3. Kwotazzjoni għax-xiri ta' ismijiet tat-toroq ġodda mingħand il-fornitur Alka Ceramics għall-prezz ta' Eur45 + VAT; nem con.

## 40.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

40.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

40.8.2 Applikazzjoni PA 08208/21 – 28, La Mirage, Flt. No. 7 Triq Erin Serracino Inglott 'Proposed alterations to existing apartment.

40.8.3 Applikazzjoni PA 08281/21 – 16 Coral Triq Ġużè Ellul Mercer Iklin 'Sanctioning of internal alterations to existing maisonette'.

40.8.4 Applikazzjoni PA 08219/21 – Astra Flts no. 12 Triq Alfons Maria Galea 'To carry out internal alterations in common area, first and second floor, demolish washrooms and back part of first and second floor and reconstruct same back part together with an additional (4) apartments on two floors.

40.8.5 Applikazzjoni PA 08256/21 – Aria, Triq Ħal Għargħur, Iklin 'To sanction installation of telecommunications equipment.

40.8.6 Applikazzjoni PA 08238/21 – 1, Triq iċ-Ċitru c/w Triq Dun Karm 'To propose extension at the existing third floor level and an additional floor at the fourth level to be used as offices (Class 4A) to the existing office block.

40.8.7 Applikazzjoni PA 07953/21 – Emma, Triq il-Mużika c/w Triq iċ-Ċitru 'Proposed change of use from Class 4B shop to Class 4C snack bar/cafeteria including sanctioning of sign and roller shutter, including removal of flag sign and light posts.

40.8.8 Applikazzjoni PA 08084/21 – Redentur Triq il-Mużika 'To demolish existing terraced house and erect new apartment block. Proposal to consist of basement level with 1 in no. 1 car garage, 2 in no. 2 car garages, 4 in no. 3 bedroom units and 1 in no. 2 bedroom unit at recessed level.

## 40.9 AĠĠORNAMENT DWAR IKLIN COMMUNITY PROJECT

40.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti update dwar il-progress tal-proġett jew studju li ġie kkummissjonat lill-Università ta' Malta dwar il-lokalità u l-komunità tal-Iklin.

40.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport imħejji mis-Sa Olga Formosa, Research Support Officer li qed taħdem fuq dan il-proġett fejn infurmat li wara l-proċess ta' data gathering, kien imiss li jsir kwestjonarju, skeda għal focus group, u numru ta' intervisti. Sintendi dan il-proċess kellu jgħaddi minn taħt idejn il-Faculty Research Ethics Committee (FREC).

Skont dan ir-rapport, kien hemm rispons tajjeb għall-kwestjonarju li ġie ppreparat billi ntużaw il-mezzi soċjali u anke permezz tal-materjal stampat. Kien hemm total ta' 231 kwestjonarju li nġabru mingħand ir-residenti. Data ġiet *inputted, cleaned & coded for analysis*.

Ir-rapport isemmi wkoll li saru 13-il intervista ma' diversi rappreżentanti mill-komunità tal-Iklin. Dawn kienu jinkludu l-membri tal-Kunsill Lokali L-Iklin, u rappreżentanza oħra mis-settur taż-żgħażagħ u tal-anzjani, il-komunità kummerċjali u lajċi li jagħtu servizz fil-komunità. L-istess proċess ta' data kien *transcribed & coded for analysis*.

Ġie organizzat ukoll focus group nhar id-9 ta' Novembru fejn ħadu sehem (8) parteċipanti li jirrappreżentaw setturi varji madwar il-komunità tal-Iklin. L-istess proċess bħal ma sar fil-kwestjonarju u fl-intervisti, data ġiet *transcribed & coded for analysis*.

Wara dan il-proċess imiss li ssir interpretazzjoni ta' data miġbura u analiżi tar-riżultati flimkien ma' sett ta' rakkomandazzjonijiet u miżuri.

40.9.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

40.9.4 Is-Sindku ikkonkluda li l-proġett/studju jidher sejjer tajjeb u jawgura li fil-futur qarib ikollna studju riċerkat ikun f'idejn il-Kunsill biex jistudjah u jinkludih fil-Pjan ta' Ħidma.

## 40.10 TALBIET GĦAL NEW STREET LIGHTING FIL-LOKAL

40.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kienu daħlu ilmenti mir-residenti u sidien tar-raba' u rziezet li fi Sqaq il-Ħwawar hemm nuqqas suffiċċjenti ta'dawl fl-imsemmi sqaq.

40.10.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill jawtorizza x-xiri ta' lampa (pistol stand) biex ikun assigurat dawl tajjeb fl-imsemmi sqaq għall-benefiċċju tar-residenti taż-żona.

40.10.3 Il-Kunsill approva l-ispiża *nem con*.

40.10.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill jawtorizza x-xiri ta' lampa fuq arblu (whip type) fi Triq Alfons Maria Galea peress li l-Kunsill ma rnexxielux iġib il-kunsens tar-residenti biex il-lampa terġa tiġi stallata kif kienet u cioè mall-ħajt (pistol stand). L-aħħar għażla kienet li l-lampa ssir fuq arblu man-naħa l-oħra tat-triq.

40.10.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Bernice Farrugia biex il-Kunsill jawtorizza x-xiri ta' lampa fuq arblu biex din il-parti tat-triq ikollha dawl suffiċċjenti.

40.10.6 Il-Kunsill approva l-ispiża *nem con*.

## 40.11 DISKUSSJONI DWAR RESIDENTS' PARKING SCHEME

40.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta statistika dwar Residents' Parking Scheme.

40.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li skont database li għandu f'idejh il-Kunsill jidher li sad-data ta' din is-seduta, il-Kunsill ħareġ 1,476 permess.

In-numru tal-permessi maħruġa mhux wieħed realistiku għaliex bejn tibdil fil-vetturi, residenti li m'għadhomx jirrisiedu l-Iklin, u jew residenti li m'għadhomx magħna (deceased), ċertament in-numru ser jinbidel. Kompla billi qal li wasal iż-żmien li ssir reviżjoni biex il-Kunsill ikollu lista aġġornata.

Fir-rigward tal-iskema Timed Parking, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-preżenti li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għamel eżerċizzju biex jieħu *stock of the situation* dwar Timed Parking fl-Iklin. Ġiet ippreżentata lista bit-toroq li ġew disinjati bi Timed Parking 60 mins jew 120 mins flimkien ma' numru ta' parkeġġi (parking slots).

L-IKLIN LOCAL COUNCIL RESIDENTS' PARKING SCHEME

| Streets | Timed Parking | Parking Slots | Parking allocation |
|---|---|---|---|
| ALFONS MARIA GALEA | 60 | 16 | |
| ĊENSU BUGEJA (both sides) | 60 | 33 | 2 special needs |
| IĊ-ĊITRU | 60 | 6 | |
| DUN KARM (Business Community on both sides) | 120 | 19 | |
| DUN KARM (G Calleja - one side) | 120 | 18 | |
| DUN KARM c/w G Bonnici-open space | 60 | 9 | no road paint |
| DUN KARM (Lotto Receivers Office - one side) | 120 | 23 | Res. Lotto |
| ĊENSU BUSUTTIL | 60 | 5 | no road paint |
| DWARDU CACHIA | 60 | 4 | |
| ĠERONIMO ABOS - half | 60 | 29 | 2 special needs |
| ĠERONIMO ABOS - half | 120 | 21 | |
| ĠIOAVANNI CURMI (both sides) | 60 | 25 | 2 special needs |
| ĠUŻÈ ELLUL MERCER c/w Dun Karm | 120 | 10 | no road paint |
| ĠUŻEPPI CALLEJA | 60 | 9 | 1 special need |
| IL-KLIN (both sides) | 60 | 36 | |
| LEWIS F MIZZI | 60 | 12 | 2 GO Electric |
| Mons. P P SAYDON | 60 | 15 | 1 special need |
| IL-MUŻIKA (both sides) | 60 | 14 | |
| IN-NAXXAR | 120 | 15 | |
| IN-NAXXAR | 60 | 6 | 1 GO ELECT |
| SAN MIKIEL (next to the Car wash) | 60 | 6 | |
| STEFANO ERARDI (both sides) | 60 | 16 | |

40.11.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li din l-informazzjoni ser tkun utli biex il-Kunsill ikun jista jagħmel analiżi tas-sitwazzjoni.

40.11.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammit irrimarka dwar l-allokazzjoni riċenti ta' Un/Loading bay fi Triq Ġeronimo Abos fejn stqarr li r-residenti qed jilmentaw għax il-parkeġġi qed jittieħdu u l-ispazji għar-residenti dejjem jonqsu. Staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel forma ta' kontestazzjoni mal-Awtorità konċernata biex nuru l-konċernament tar-residenti tagħna.

40.11.5 Il-Kunsillier Godwin Catania issuġġerixxa li għandu jsir monitoraġġ ta' dawn l-ispazji biex naraw jekk Un/Loading bays hux qed jintużaw kif suppost.

40.11.6 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li jekk tali permess ħareġ mill-Awtorità kompetenti, huwa sinjal ċar li l-applikant kien eliġibbli għal Un/Loading bay. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill qiegħed hemm kemm għar-residenti u anke għas-settur kummerċjali kif joħroġ mill-Att li jwaqqaf il-Gvern Lokali.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill irid iwassal il-messaġġ tar-resident iżda ried ifakkar li l-Kunsill ma jistax jiddiskrimina bejn resident u negozjant ladarba hemm *policy* li tagħti l-opportunità biex sidien tal-ħwienet tan-negozju japplikaw għal dan id-dritt.

Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jista jitkellem mal-Aġenzija LESA biex jispezzjona l-attività ta' dawn l-ispazji ddisinjati għal stabbilimenti tan-negozju partikolari biex nassiguraw li dawn l-ispazji jkunu qed jaqdu l-iskop proprju tagħhom u jintużaw tajjeb. Il-Community Policing jistgħu jassistu lill-Kunsill biex naraw kemm verament qed jintużaw għall-iskop li ngħatalhom il-permess.

## 40.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

40.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru 2021 fil-5.30 p.m.

40.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru 2021 fil-5.30 pm.

40.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.52 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |